# Is-Sorijiet ta' Santa Katarina tal-Belt

# 150 Sena Agostinjani

*minn P. Mark Cauchi OSA*

Ħamsin sena ilu fakkarna l-ewwel Ċentinarju minn mindu s-Sorijiet tal-Monasteru ta' Santa Katarina tal-Belt ġew mogħtija r-Regula ta' Santu Wistin u ġew kanonikament inkorporati fit-Tieni Ordni Agostinjana. Għal dawn il-festi ċentinarji kienu ħadu sehem il-Baċċ. P. Bonifaċju Bonello, ex-kappillan u l-Kan. Dun Manwel Flery, ex-kappillan tal-Monasteru, il-Pirjol P. Pawl Spiteri għamel it-translazzjoni tar-Relikwija u l-għasar mal-Patrijiet Agostinjani. Saret quddiesa pontifikali minn Mons. Prof. Clo. Bonnici, Delegat ta' l-Arċisqof. Għalhekk jixraq li nfakkru l-150 sena ta' kemm ilhom Agostinjani.

Fil-belt kapitali ta' Malta fejn matul il-jum il-Maltin u l-barranin jimirħu mat-toroq tagħna kemm għan-negozju sew il-barranin biex jammiraw il-bini u l-palazzi tagħna, fi Triq ir-Repubblika wara li tħalli l-Palazz Presidenzjali, hemm binja maestuża, imma fl-istess ħin oażi maqtugħ. Dan huwa l-Monasteru tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura taħt il-patroċinju ta' Santa Katarina.

Fil-Belt Valletta fis-sena 1606 kien hemm Għaqda ta' tfajliet ulied ġenituri mhux ta' kondotta tajba li nġabru biex ikunu meħlusa u mbiegħda mill-ħażen. Hekk setgħu jħaddnu l-istat tal-ħajja xierqa u addattat għalihom. Dawn it-tfajliet għall-ewwel kienu jinġabru f'San Ġwann. Imbagħad il-kappillan ta' l-Ordni Fra. Francesco Condulli tahom id-dar tiegħu li kienet fi Triq Żakkarija fejn qabel kien hemm is-Sorijiet tas-*Saint Joseph* qabel ma marru l-Blata l-Bajda (Ferris A. Storia qeccl. p.223).

F'din l-Għaqda ma kinux jistgħu jidħlu ħlief bniet minn seba' snin sa 12-il sena u li kienu fil-periklu. Ma kinux ikunu aktar minn 15 fin-numru. Dan in-numru kien jissinifika l-15-il posta tar-Rużarju. Dawn it-tfajliet kienu magħrufa bħala *Ulied tal-Madonna tal-Preżentazzjoni.* Bħalma l-Madonna ġiet ippreżentata fit-tempju,hekk dawn it-tfajliet kienu ppreżentati 'l Alla (Ark. Mon. S. Kat. Regole delle figluole).

Meta miet Fra. Francesco Condulli, l-eredi tiegħu riedu dik id-dar. Dawn l-imsejknin kellhom ifittxu bieb ieħor. Il-providenza ma tiġix nieqsa. In-nobbli Govanni Oliviero u l-mara tiegħu Katarina Vasco offrew il-palazz u l-knisja tagħhom lil din l-Għaqda. Dan il-palazz u l-knisja kienu fejn jinsab il-Monasteru llum. Fis-sena 1611 bi Brevi Pontifiċju ġie aċċettat dan il-palazz u l-knisja, li allura kienet iddedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna. Qabel din il-knisja kienet magħrufa bħala Santa Maria di Vasco del 15 agosto. Il-monasteru ssemma għan-Nobbli Katarina Vasco. Sa minn dik is-sena (1611) il-knisja ma baqgħetx imsemmija għall-Assunta, imma ssemmiet għall-Preżentazzjoni tal-Madonna.

## Bidu tal-ħajja reliġjuża

Fil-Monasteru l-ġdid, mibni fuq il-pjanta ta' Ramona Carapecchia, kienu jieħdu ħsieb it-tfajliet nisa twajba. Dawn kienu jgħixu bħas-sorijiet tal-klawsura. Però ma kienu taħt ebda regula reliġjuża approvata mill-Knisja, jew magħquda ma' xi ordni reliġjuża.

Skond ir-regolamenti li kellhom kienu li jimitaw lill-Verġni Marija Omm tal-ħniena, Patruna tagħhom, iħallu lil nieshom, lil ħbiebhom, il-ġidhom. Biex aktar jixbħu lir-reliġjużi, kienu jagħmlu l-Voti tal-Faqar, Ubbidjenza u Safa (Ibid. art 1-2, p.23). Dawn il-wegħdiet kienu jiġġeddu kull sena.

## Xewqa għall-ħajja klawstrali

Dawk in-nisa twajba li kienu jgħixu u jmexxu l-monasteru xtaqu jimxu aktar 'il quddiem fil-ħajja reliġjuża. Xtaqu jħaddnu waħda mir-reguli prinċipali tal-Knisja u jingħaqdu ma' xi ordni reliġjuż. Dwar din l-għażla kien hemm diversi opinjonijiet. Għall-ewwel kien hemm min ried iħaddan ir-Regula Benedittina. Wara xi talb li għamlu ħassew l-ispirazzjoni li jħaddnu r-Regula Franġiskana u kienu diġà bdew josservaw xi parti minnha.

## Regula Agostinjana

F'dak iż-żmien ta' transizzjoni Swor Marija

Rożarja tal-Preżentazzjoni ħerqana biex tagħraf ir-rieda ta' Alla fi żmien hekk interessanti u ta' importanza, talbet b'ħerqa kbira. Fl-istess ħin inxteħtet taħt il-Patroċinju tal-Madonna. Ftit wara jirrakkontaw is-sorijiet tal-Monasteru, din is-soru mħeġġa bħas-soltu, għodwa waħda, waqt li kienet tiela' t-tarag tal-monasteru kellha bħal viżjoni; tilmaħ lill-Madonna liebsa l-iswed, b'manikuni (kmiem wesgħin li kienu jużaw l-Agostinjani, reminixxenza tal-kukkulla Benedittina), biċ-ċintura f'idejha li donnha rieded tagħtihielha. Fl-istess ħin ħeġġitha biex tieħu r-Regula Agostinjana. Swor Rożarja mqanqla minn dik il-viżjoni, marret għand l-abbatissa, u qaltilha dak kollu li rat fil-viżjoni. Għalhekk ġabret lis-sorijiet kollha u qaltilhom b'dik il-viżjoni. B'hekk għarfu r-rieda ta' Alla u lkoll flimkien iddeċidew li jħaddnu r-Regula ta' Santu Wistin u jingħaqdu ma' l-Ordni tiegħu (Op. cit. viżjoni).

## Jipprofessaw ir-Regula

Wara dik id-deċiżjoni li kienu ħadu, is-sorijiet minnufih irrikorrew għand il-Papa Piju IX, illum Beatu.

Il-Qdusija Tiegħu biex jissodisfa b'xi mod għax-xewqat tagħhom, nhar it-3 ta' Settembru 1949 tahom il-permess biex ikollhom sehem mill-indulġenzi u privileġġi li jappartienu lill-Ordni Agostinjan. Nhar it-23 ta' Mejju tas-sena 1851, meta kien Arċisqof, l-Isqof ta' Malta Mons. Publiju dei Conti Sant, kien ippermettilhom li jħaddnu r-Regula Agostinjana.

Fit-3 ta' Settembru 1851, is-Sorijiet ta' Santa Katarina li sadak iż-żmien kienu jissejħu *Katarini* f'numru ta' 18-il waħda, mimlijin b'ferħ tas-sema, mixħuta f'riġlejn l-altar imqaddes, qraw il-formola tal-professjoni u mill-ġdid reġgħu ġeddu l-Voti Solenni kif titlob ir-Regula ta' Santu Wistin. Wara, quddiem Ġesù Sagramentat kantaw solennement it-Te Deum b'ringrazzjament lil Alla għall-grazzja hekk kbira.

Minn dakinhar li ma jintesa qatt, is-Sorijiet Katarini ġew magħquda kanonikament ma' l-Ordni Agostinjan, magħrufa bħala Sorijiet Klawstrali, li jiffurmaw it-Tieni Ordni Reliġjuż ta' Santu Wistin. Bħall patrijiet ta' l-istess Ordni ġiet mogħtija lilhom is-setgħa li jirreċtaw l-Uffiċċju Divin u l-proporiju Agostinjan kif jgħid id-digriet tas-Santa Sede tat-23 ta' Mejju 1851 (Ark. M.S.K. Digriet).

Is-Sorijiet Klawstrali Agostinjani ta' Santa Katarina għadhom hemm biex ifaħħru 'l Alla u jitolbu għalina. Għalhekk mill-banda l-oħra nitolbu lill-Mulej biex jibgħat qlub oħra ġenerużi ħalli jaqduh fil-ħajja monastika mas-Sorijiet ta' Santa Katarina għall-glorja ta' Alla u għall-ġid ta' l-umanità.

BONTA CONFECTIONERY

*GUDJA BRANCH*

Triq Raymond Caruana
Tel: 21662419

*Fejn issibu xorb alkoħoliku, minerali u kull tip ta' ħelu u pasti*

Jiġu aċċettati ordnijiet għal parties, magħmudijiet, eċċ